MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2009

Numru 18/2005

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Bernard sive Benny Attard**

(Att ta' Akkuza 18/2005)

Illum, 20 ta' Marzu 2009

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell interpost minn Bernard sive Benny Attard mill-piena lilu inflitta mill-Qorti Kriminali bis-sentenza taghha tas-6 ta' Ottubru 2008.

**2.** Permezz ta' Att ta' Akkuza presentat mill-Avukat Generali fit-28 ta' Dicembru 2005, l-imsemmi Bernard sive Benny Attard kien akkuzat li, flimkien ma' ohrajn, fl-10 ta' Awissu 2001, ghall-habta tal-ghaxra neqsin kwart ta' filghaxija, dolozament, bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tal-Gwardjana Lokali Fortunata Spiteri f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt (u dan skond l-ewwel Kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza). Fit-tieni Kap huwa kien akkuzat li fl-istess jum u hin kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta, minghajr id-debita licenzja.

**3.** Fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2008, meta kellu jibda l-guri, l-imsemmi Attard irregistra ammissjoni, u ppersista fl-istess ammissjoni anke wara li l-Qorti Kriminali wissietu dwar il-konsegwenzi taghha u taghtu zmien biex jahsibha u, jekk irid, jirtiraha.

**4.** Wara li semghet bil-gurament lill-psikjatra Dott. Joseph Spiteri, lis-Supretendent Pierre Calleja, kif ukoll lill-istess Attard minn jeddu, dik il-Qorti kkundannat lill-hati Bernard sive Benny Attard tletin sena prigunerija, ordnat il-konfiska tal-arma jew armi li bihom twettaq ir-reat, u ordnat lill-imsemmi Attard ihallas l-ispejjez kollha peritali. Il-parti relevanti, ghall-finijiet ta' dana l-appell, tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti, tghid hekk:

"Il-qorti …ordnat is-smigħ tal-kawża għallum.

"Wara li saritlu l-mistoqsija, kif irid l-art. 450 tal-Kodici Kriminali, jekk hux ħati ta' l-akkużi migjuba kontra tiegħu fl-att ta' l-akkuża, l-akkużat wiegeb li hu ħati. Il-qorti, biex tħares dak li jrid l-art. 453(1) tal-Kodici Kriminali, wissietu fuq il-konsegwenzi legali tat-twegiba tiegħu, u tatu wkoll żmien biex jarga' lura minnha. L-akkużat iżda tenna t-twegiba li għalhekk giet irregistrata.

"Il-qorti għalhekk tiddikjara lill-akkużat Bernard *sive* Benny Attard ħati fuq ammissjoni:

1. **ta' omicidju volontarju u *cioè* talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt**; u

2. **talli kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument ieħor bil-ponta mingħajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija**.

"Id-difiża mbagħad talbet li tressaq xhieda għall-għanijiet tas-sottomissjonijiet li kienet sejra tagħmel dwar il-piena.

"Xehed it-Tabib Psikjatra Joseph Spiteri dwar il-kondizzjoni medika tal-ħati. Qal illi l-ħati llum huwa miżmum fil-*maximum security unit* li huwa l-aktar post indikat għalih minħabba fil-kondizzjoni tiegħu.

"Xehed is-Sovrintendent Pierre Calleja, li qal illi x-xiehda ta' l-akkużat hija meħtiega u ta' siwi fi proceduri li qegħdin jitmexxew kontra terzi dwar l-istess delitt. Dan ix-xhud qal illi jaf ukoll illi hemm xiehda ta' pjan maħsub minn terzi biex jinqatel il-ħati bil-għan illi ma jitħalliex jagħti x-xiehda tiegħu.

"Xehed ukoll l-akkużat illi wettaq bil-gurament tiegħu l-istqarrija li kien għamel lill-Pulizija fl-24 ta' Novembru 2004.

"Id-difiża tissottometti illi l-ħati ma għandux jingħata l-ogħla piena ta' għomru l-ħabs, u minflok għandu jingħata piena ta' prigunerija għal żmien bejn għoxrin (20) u ħamsa u għoxrin (25) sena, għal dawn ir-ragunijiet: 1. għax kien hemm ammissjoni qabel il-ħatra tal-guri; 2. għax il-ħati xehed dwar min huwa l-awtur ewlieni tad-delitt u lest jixhed fil-proceduri kontra dan; 3. għax wara d-delitt kien hemm pjan mill-awtur ewlieni biex jinqatel il-ħati biex ma jixhidx; 4. għax il-ħati kien taħt il-kontroll ta' l-awtur ewlieni tad-delitt; u 5. minħabba l-istat ta' saħħtu, għax kważi għama.

"Saret ukoll referenza għas-sentenza fil-każ ta' **Repubbblika ta' Malta *versus* Dominic Bonnici** u għall-piena mogħtija f'dak il-każ.

"Il-prosekuzzjoni, għalkemm, b'sens ta' korettezza, għarfet illi kien bis-saħħa tal-ħati li nkixfet il-verita` dwar id-delitt, madankollu stiednet lill-qorti tqis li dan kien delitt kontra persuna waqt li kienet, u għax kienet, qiegħda taqdi dmir pubbliku.

"Wara li semgħet dak li kellu xi jgħid l-akkużat dwar l-applikazzjoni tal-piena, ir-replika tal-prosekuzzjoni u l-kontro-replika ta' l-akkużat, issa misjub ħati, u wara li rat l-atti kollha tal-process u tal-kumpilazzjoni, il-qorti tagħmel dawn l-osservazzjonijiet:

"Tassew illi l-kondizzjoni ta' saħħa tal-ħati hija ta' relevanza, iżda hija ta' relevanza aktar għall-kondizzjonijiet li fihom jinżamm u għall-kura li jingħata milli għall-*quantum* tal-piena. Ukoll, il-fatt illi kien hemm il-ħsieb minn terzi li joqtlu lill-ħati huwa fatt illi għandu jwassal lill-awtoritajiet li jagħtuh il-protezzjoni meħtiega iżda mhux bilfors jolqot il-*quantum* tal-piena.

"Il-ħati jħoss ukoll illi l-ħtija tiegħu hija anqas gravi għax hu kien "taħt il-kontroll" ta' min kien l-awtur ewlieni tad-delitt u kien jibża' minnu.  Dan jista' jkun minnu, iżda huwa relevanti wkoll illi mill-istqarrija tal-ħati stess jidher illi l-motivazzjoni tiegħu biex jieħu sehem fit-twettiq tad-delitt kienet il-wegħda ta' flus aktar milli l-biża'.

"Huwa minnu illi l-ħati ammetta l-ħtija tiegħu qabel il-ħatra tal-guri, għalkemm sentejn u disa' xhur wara li kien notifikat bl-att ta' l-akkuża.

"Minn dan kollu, l-iżjed li jwassal lill-qorti biex tagħti piena anqas mill-ogħla waħda ta' prigunerija għall-għomor huwa l-fatt, korrettement magħruf mill-prosekuzzjoni wkoll, illi bix-xiehda tiegħu l-ħati għen mhux ftit biex tinkixef il-verita` dwar kif seħħ id-delitt.

"Min-naħa l-oħra, il-qorti ma tistax ma tqisx il-klubija li biha twettaq id-delitt, il-premeditazzjoni, u l-fatt illi l-vittma nqatlet waqt il-qadi ta' dmirijietha u għax qdiet dmirijietha.

"Dan kollu jwassal lill-qorti biex tgħid illi piena xierqa tkun dik ta' prigunerija għal tletin (30) sena.

"Għal dawn ir-ragunijiet il-qorti, wara li rat l-artt. 211 (1) u (2) u 17 tal-Kodici Kriminali, u l-artt. 13(1) u 19 ta' l-Ordinanza dwar l-Armi [Kap. 66] u l-art. 66 (dispożizzjoni transitorja) ta' l-Att dwar l-Armi (Kap. 480), tikkundanna lill-ħati Bernard *sive* Benny Attard għall-piena ta' tletin (30) sena prigunerija, b'dan illi kull żmien qabel illum li l-ħati nżamm fil-ħabs għar-reati li tagħhom huwa gie misjub ħati u kkundannat illum, li ma jkunx żmien magħmul fil-ħabs f'esekuzzjoni ta' kundanna, jitqies bħala parti miż-żmien ta' prigunerija kif igħid u jrid l-art 22 tal-Kodici Kriminali; u b'dan ukoll illi l-awtoritajiet tal-facilita` korrettiva għandhom jaraw illi l-ħati jingħata kull kura medika jew psikjatrika meħtiega u illi jkun imħares minn kuntatt ma' min ikun ta' tehddid għalih, u jieħdu l-miżuri kollha meħtiega u permessi mil-ligi biex titħares l-inkolumita` tiegħu.

"Wara li rat ukoll l-art. 23 tal-Kodici Kriminali tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-arma jew armi li bihom twettaq ir-reat, u wara li rat l-art. 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-ħati jħallas lir-registratur l-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inklużi dawk ta' l-esperti li gew maħtura fl-istadju tal-process verbal ta' l-inkjesta."

**5.** L-appellant jelenka l-aggravji tieghu fi tliet paragrafi. Fl-ewwel paragrafu huwa jillanja illi l-Qorti Kriminali ma haditx in konsiderazzjoni "il-kundizzjoni hazina tas-sahha tieghu" u in partikolari l-fatt li huwa kwazi ghama, li l-partecipazzjoni tieghu fid-delitt "ma kenitx wahda principali", kif ukoll injorat "il-fatt li kien taht kwazi kontroll assolut ta' l-awtur ewlieni tad-delitt li l-appellant jibza' minnu, anke jekk, kif qalet il-Qorti huwa ddecieda li jiehu sehem minhabba weghda ta' flus li qatt ma waslu". Ighid ukoll l-appellant li tletin sena kienet ukoll il-piena moghtija fil-kaz ta' Dominic Bonnici, fejn kien hemm qtil ta' tnejn

min-nies u ghalhekk – jargumenta l-appellant – fil-kaz tieghu fejn kien hemm il-mewt ta' persuna wahda biss il-piena ma kellhiex tkun ukoll ta' tletin sena. Fit-tieni paragrafu jkompli jfisser li hu ma kellux jigi trattat bhal fil-kaz ta' Bonnici "aktar u aktar [meta] x-xhieda tieghu hija l-unika prova jew kwazi l-unika prova li ghan (*sic!*) mhux ftit biex tinkixef il-verita` dwar kif sehh ezatt id-delitt ta' Fortunata Spiteri". Skond l-appellant il-piena tieghu ma kellhiex tkun aktar minn hamsa u ghoxrin sena. Fit-tielet paragrafu, imbaghad, huwa ighid hekk: "Illi anke l-Qorti injorat il-fatt illi x-xhieda [recte: mix-xiehda] tieghu u cioe` tal-appellant, johrog car illi l-appellant huwa persuna kwazi semplici u mhux persuna li tista' titqies li ghandha intelligenza normali, imma wiehed jista' jasal biex jiddeskrivi l-appellant bhala persuna fidila".

**6.** Din il-Qorti semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fl-udjenza tal-Hamis, 12 ta' Marzu 2009. Ezaminat bir-reqqa wkoll, kif mitlub fl-imsemmija udjenza mill-abbili difensur ta' l-appellant, id-deposizzjonijiet tas-Supretendent Pierre Calleja, tal-Psikjatra Dott. Joseph Spiteri u ta' l-istess appellant moghtija quddiem il-Qorti Kriminali fis-6 ta' Ottubru 2008; ezaminat ukoll l-atti kollha tal-kawza. Wara li ghamlet dan kollu u wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandhiex tiddisturba l-piena erogata mill-ewwel Qorti hlief ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez peritali, kif ser jinghad minn hawn u ftit iehor. Jibda biex jinghad – kif dejjem jinghad – li l-paraguni ma' kazijiet ohra huma odjuzi, ghax kull kaz ikollu l-fattispeci partikolari tieghu li l-Qorti tal-ewwel grad normalment tkun hadet in konsiderazzjoni biex waslet ghall-piena li dik il-Qorti tkun tqis li tkun gusta. Kif inghad recentement minn din il-Qorti fis-sentenza moghtija fis-26 ta' Frar 2009 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmen Butler**,

"…il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-

sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor."

**7.** Jinghad ukoll li fil-kaz in dizamina, l-appellant stess quddiem il-Qorti Kriminali ssottometta li l-piena kellha tkun bejn ghoxrin (20) u hamsa u ghoxrin (25) sena. Jigifieri bhala massimu l-appellant stess kien qed jirravviza hamsa u ghoxrin sena – hames snin anqas milli effettivament ikkomminat l-ewwel Qorti li ezercitat id-diskrezzjoni taghha biex ma taghtix il-piena indeterminata tal-prigunerija ghal ghomru – piena, din tal-ghomor, li kienet applikabbli ghal dan il-kaz.

**8.** Issa, mis-sentenza appellata huwa evidenti li l-ewwel Qorti, meta giet biex taghti l-piena, hadet in konsiderazzjoni dak <u>kollu</u> li kellha u li setghet tiehu in konsiderazzjoni. Il-fatt li l-appellant mhux sodisfatt bil-piena erogata ma jfissirx li dik il-piena ma kinitx piena gusta fic-cirkostanzi kollha u partikolari ta' dan il-kaz. Ma hemm ebda prova li l-appellant huwa b'xi mod "mentally subnormal" – kif jista' jaghti x'jifhem it-tielet aggravju tieghu hawn aktar 'l fuq imsemmi (ara a propositu wkoll il-verbal registrat fl-udjenza msemmija tat-12 ta' Marzu 2009). Id-deposizzjoni ta' l-appellant moghtija quddiem il-Qorti Kriminali fis-6 ta' Ottubru 2008 ma tista' titfa' ebda dawl fuq dak allegat fit-tielet aggravju, u cioe` li l-appellant huwa persuna "kwazi semplici" u/jew "persuna fidila" ghax din id-deposizzjoni tikkonsisti bazikament filli d-difensur tal-appellant, allura *reo confesso*, semplicement qralu l-istqarrija li huwa kien ghamel lill-pulizija u li hemm fl-atti, u Attard ikkonfermaha bicca bicca u b'mod mill-aktar lakoniku. Il-komportament ta' l-istess Attard quddiem il-Qorti Kriminali fil-kors ta' dan l-esercizzju – pjuttost inutili, fil-fehma ta' din il-Qorti – tal-konferma tal-istqarrija tieghu, certament ittiehed in konsiderazzjoni minn dik il-Qorti jekk dan il-komportament b'xi mod seta' kien relevanti ghad-determinazzjoni tal-piena. Il-fedina penali tal-appellant turi pjuttost karattru vjolenti, b'kundanni ghal hsara volontarja

u offizi fuq il-persuna, fosthom ghaxar snin prigunerija inflitta fuqu mill-Qorti Kriminali b'sentenza tat-2 ta' Dicembru 1986 ghall-qtil ta' martu (wara li akkuza ta' omicidju volontarju inbidlet inbidlet f'wahda ta' offiza gravi segwita bil-mewt mill-Avukat Generali). Jizdied jinghad li skond id-deposizzjoni tal-psikjatra Dott. Joseph Spiteri, moghtija fis-6 ta' Ottubru 2008, l-appellant, apparti li jbati bid-dijabete u minn dipressjoni kronika, ghandu karattru "litiganti": *"…il-personalita` tieghu hija wahda litiganti di natura, allura hu meta jkun b'din il-personalita` s'intendi imbaghad jidhol f'inkwiet iehor. Jigifieri jista' jkun aggressiv...".* L-ewwel qorti, kif inghad, semghet lill-appellant jixhed u waslet ghall-konkluzzjoni taghha tenut kont mhux biss dik id-deposizzjoni moghtija quddiemha izda wkoll ic-cirkostanzi kollha tal-kaz. In fatti mill-imsemmija sentenza jidher li r-raguni principali, jekk mhux addirittura forsi wahdanija, li wasslet lill-ewwel Qorti biex ma taghtix il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor, kien "[i]l-fatt, korrettement maghruf mill-prosekuzzjoni wkoll, illi bix-xiehda tieghu l-hati ghen mhux ftit biex tinkixef il-verita` dwar kif sehh id-delitt". Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, l-efferratezza li biha sehh id-delitt u l-element ta' premeditazzjoni huma, f'dan il-kaz, fatturi li kellhom necessarjament izidu, u mhux inaqqsu, il-piena. B'mod partikolari din il-Qorti terga' tenfasizza dak li gie ritenut fis-sentenza tad-9 ta' Gunju 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Andy Calleja**, u cioe`:

"Din il-Qorti hi tal-fehma wkoll li ghandha dover partikolari li tipprotegi lil dawk il-membri tal-forzi tal-ordni pubbliku li jaghmlu ghassa ma' banek u postijiet ohra fejn il-presenza taghhom tkun hekk mehtiega. Il-messagg ghandu jkun wiehed car: min jaqbad u jiehu arma biex juzaha, u effettivament juzaha, f'cirkostanzi bhal dawk tal-kaz in dizamina b'mod li persuna titlef hajjitha, <u>ghandu jistenna li jinghata l-oghla piena li tippermetti l-ligi, cioe` dik tal-prigunerija ghall-ghomor</u>."

Huwa minnu li f'dan il-kaz il-vittma ma kinitx membru tal-Korp tal-Pulizija u anqas kienet qed taghmel ghassa ma' bank – bhalma kien il-kaz fil-kawza appena citata – izda ma hemmx dubbju li l-Gwardjani Lokali, fil-mansjoni u

kompetenza limitata taghhom, huma wkoll membri tal-forzi tal-ordni pubbliku, li jwettqu xoghlhom xi mindaqqiet f'sitwazzjonijiet ta' perikolu. Gwardjan Lokali li jwettaq dmiru b'mod korrett u metikoluz jista' addirittura jirrendi ruhu antipatiku ma' min ma jridx joqghod ghar-regoli, zghar kemm huma zghar dawk ir-regoli, u ghalhekk jesponi ruhu ghal ritaljazzjoni li fic-cirkostanzi tkun allura ritaljazzjoni ingusta. Kif gustament irrimarkat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, wiehed ma jistax ma jqisx "…il-klubija li biha twettaq id-delitt, il-premeditazzjoni u l-fatt illi l-vittma nqatlet waqt il-qadi ta' dmirijietha u ghax qdiet dmirijietha".

**9.** Fejn din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-ewwel Qorti huwa dwar il-kundanna ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali. Jidher mill-atti li l-esperti ossia periti li ddeponew fil-proceduri kontra l-appellant odjern huma l-istess esperti li ddeponew fil-konfront ta' zewg persuni ohra (wiehed minnhom illum mejjet) fi proceduri separati. Fi kliem iehor, kien hemm riproduzzjoni ta' l-istess provi xjentifici fil-kaz ta' l-appellant odjern. Ghal ragunijiet ovvji, ghalhekk, l-appellant odjern kellu jigi kkundannat ihallas biss <u>nofs</u> l-ispejjez peritali inkorsi fil-proceduri fil-konfront tieghu.

**10.** Fl-ahharnett, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha taghmel is-segwenti osservazzjonijiet dwar il-paragrafu penultimu tas-sentenza appellata, u dana ghall-fini <u>ta' linji gwida ghall-Qrati kollha ta' Gustizzja Kriminali</u>. L-ewwel osservazzjoni tirrigwarda l-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali. Fis-sentenza appellata il-Qorti Kriminali, wara li kkomminat il-piena ta' tletin sena prigunerija, ziedet "tordna" "…illi kull żmien qabel illum li l-ħati nżamm fil-ħabs għar-reati li tagħhom huwa gie misjub ħati u kkundannat illum, li ma jkunx żmien magħmul fil-ħabs f'esekuzzjoni ta' kundanna, jitqies bħala parti miż-żmien ta' prigunerija kif igħid u jrid l-art 22 tal-Kodici Kriminali". Bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti tali ordni huwa mhux biss superfluwu izda anqas ghandu jsir. Wara l-emenda tal-imsemmi Artikolu 22 bl-Artikolu 8 tal-Att III tal-2002, il-periodu ta' arrest preventiv <u>kif illum deskritt fl-Artikolu 22</u> jigi awtomatikament dedott <u>mill-awtoritajiet karcerarji</u> u <u>fil-parametri tal-istess Artikolu</u>. Sfortunatament il-Qrati ta'

Gustizzja Kriminali, jew ghall-anqas hafna minnhom, ghadhom isegwu l-prattika li kienet tigi segwita qabel l-emenda imsemmija, fejn allura kien hemm il-fakolta` jew diskrezzjoni tal-qorti jekk tnaqqasx jew le il-periodu tal-arrest preventiv. Ghalhekk, kliem simili bhalma gew uzati fil-kaz *de quo* huma, kif inghad, superfluwi. Tali kliem jistghu wkoll joholqu problemi serji ghall-awtoritajiet karcerarji fil-komputazzjoni tal-piena, u dana in vista tal-*proviso* tal-imsemmi Artikolu 22. In fatti jista' jaghti l-kaz li l-periodu tal-arrest preventiv ikun diga` tnaqqas, jew ahjar ittiehed in konsiderazzjoni, in konnessjoni ma' sentenza ohra li dwarha l-qorti li tkun issa qed tippronunzja s-sentenza ma tkun taf xejn[1], u ghalhekk dak il-periodu m'ghandux jerga' jitqies bhala parti mill-periodu ta' prigunerija, u dan skond il-*proviso* msemmi. Huwa proprju ghalhekk li kliem bhal "b'dan li minnu ghandu jitnaqqas il-periodu tal-arrest preventiv ecc" fl-istat tal-ligi kif inhi llum m'ghandux jintuza. It-tieni osservazzjoni tirrigwarda ir-rakkomandazzjoni maghmula mill-Qorti Kriminali fid-*decide* tas-sentenza ghalbiex "…l-awtoritajiet tal-facilita` korrettiva …jaraw illi l-ħati jingħata kull kura medika jew psikjatrika meħtiega u illi jkun imħares minn kuntatt ma' min ikun ta' theddid għalih, u jieħdu l-miżuri kollha meħtiega u permessi mil-ligi biex titħares l-inkolumita` tiegħu". Ma huwiex il-kompitu tal-Qrati ta' Gustizzja Kriminali li jaghmlu rakkomandazzjonijiet simili, rakkomandazzjonijiet li jistghu jimplikaw li l-awtoritajiet karcerarji ma' jafux x'inhuma d-doveri taghhom skond il-ligi jew li mhux qed jassolvu dawk id-doveri skond il-ligi (differenti huwa l-kaz meta qorti semplicement tigbed l-attenzjoni ta' l-istess awtoritajiet ghal xi fatt jew cirkostanza, li tkun tirrikjedi azzjoni tempestiva, li tkun irrizultat minn xi deposizzjoni u meta jkun ovvju li dawk l-awtoritajiet ma jkunux ghadhom jafu biha). Tali "rakkomandazzjoni" tista' addirittura tohloq sens ta' ingustizzja fl-ikkundannat jekk, ghal xi raguni, huwa jkun tal-fehma li r-rakkomandazzjoni ma tkunx qed tigi mwettqa mill-imsemmija awtoritajiet. Ghal dik li hi l-kura medika u psikjatrika ta' persuni kkundannati ghal periodi ta'

[1] Tali sitwazzjoni tista' tinholoq, per ezempju, meta persuna tkun taht arrest preventiv in konnessjoni ma' tnejn jew aktar kawzi fl-istess hin.

prigunerija jew detenzjoni, u ghal dik li hi l-inkolumita` taghhom hemm il-ligi – l-Att dwar il-Habs, Kap. 260, u r-regolamenti maghmula taht dak l-Att – u l-istrutturi provvduti fl-istess ligi, u m'ghandux ikun hemm l-intromissjoni tal-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. S'intendi dan kollu qed jinghad bla pregudizzju ghal dak li jipprovdi s-subartikolu (5) tal-Artikolu 8 tal-Kap. 260.

**11.** Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant Bernard sive Benny Attard ihallas l-ispejjez peritali kollha, u minflok tikkundannah ihallas biss nofs dawk l-ispejjez, izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------